MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 910/2008

**Alsons Limited**

**vs**

**Anthony Sciculuna (ID717148M) u**
**Theresa Scicluna, konjugi (ID927850M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf u erbghin Ewro (€1040) rapprezentanti oggetti ta' '*household*' li huma stess ordnaw w hadu u li gew konsenjati lilhom f'dati diversi mis-socjeta' attrici.

Illi l-konvenuti, hallsu l-ahhar, lis-socjeta' attrici bilanc zghir mill-ammont dovut fit-23 ta' Gunju, 2008.

Illi l-konvenuti gew  debitament interpellati ihallsu dan l-ammont skond ittra inetrpellatorja tat-23 ta' Ottubru annessa mat-talba izda dawn baqghu inadempjenti.

 Bl-spejjez   u bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Ottubru, 2008 kontra l-konvenuti li huma  ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu  ma pprezentawx risposta ghalkhemm debitament notifikati u l-anqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat  Kapitolu fit-8 ta' Jannar,2009 mill-Avukat Dr. Chris Grima u l-fatt li  l-konvenuti naqsu  li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuti naqsu  li  jikkontestaw il-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------